# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 15**

**Avviz. numru 963/97mm**

**Francis Cassar**

**vs**

**David Conti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fl-14 ta' Mejju 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira (Lm858) dovuti minnu bhala bilanc ghal xoghol u spejjez li l-attur ghamel fuq il-proprjeta' tal-konvenut fis-Siggiewi u fuq inkarigu tieghu (Dok A).

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra bonarja tat-22 ta' April 1997 u mghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-istess attur li minn jeddu qabad u telaq minhabba xoghol iehor li kellu jlesti fl-istess zmien u li ma riedx ikompli x-xoghol miftiehem u b'hekk ikkawza danni lill-esponenti stante li l-esponent kellu jqabbad lil haddiehor li kien ghola fil-prezz;

2. Illi fil-kont tal-attur hemm servizzi li ma sarux minn naha tal-attur u l-istess ammont hu wiehed esagerat kif jigi ppruvat okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 1997 fejn innominat lit-tekniku l-Perit Albert Fenech sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni ppresentat mit-tekniku fuq imsemmi fis-17 ta' Frar 2000 u mahluf fit-23 ta' Marzu, 2000.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda xogholijiet illi saru fil-plot 141 Triq Monsinjur F S Mangion is-Siggiewi li huwa proprjeta' tal-konvenut. Bi ftehim datat 6 ta' Awissu 1996 il-konvenut kien qabbad lill-attur sabiex jaghmillu xi xogholijiet li huma msemmija b'aktar dettal f'pagna 25 f'paragrafu 7 tar-relazzjoni tal-perit fuq

imsemmi. Ix-xoghol beda f'Dicembru 1996 kif kien miftiehem u l-attur gab mieghu zewg lavranti.

L-attur xehed illi kien lesta x-xoghol kollu minbarra parti mit-tromba tat-tarag u l-garage. Gab vjegg ramel ghal kisi izda ma ghogbux ghax ma kienx adattat u flok ramiegh ftiehem mal-konvenut illi juzah ghal taht il-madum. Irrizulta illi meta l-konvenut kien accetta li jhallas ghaz-zrar u ghar-ramel ma kienx jaf il-prezzijiet involuti u hawn bdiet il-kontroversja bejn il-partijiet fejn il-konvenut kien qed jippretendi li l-prezz li gie ppresentat lilu kien wiehed eccessiv. Barra minn hekk, il-konvenut oggezzjona ghal zewg lavranti ta' l-attur ghax ippretenda li x-xoghol kellu jsir mill-attur wahdu ghax lilu kien qabbad, u meta l-attur ha t-tieni lavrant biex jaghmel ix-xoghol fil-garage, l-konvenut spicca biex qal lill-attur biex dan ix-xoghol ma jaghmlux.

Meta l-attur waqaf mix-xoghol kien ghad fadallu jaghmel parti mit-tromba tat-tarag. Kien il-konvenut li ddecieda li flok it-tikhil u l-kisi li parti kien diga sar u parti kien ghad irid isir, jaghmel kisi bil-gibs. L-attur ftiehem verbalment mal-konvenut li jnaqqaslu mija u erbghin lira (Lm140) ghax-xoghol li kien ghadu ma sarx fit-tromba tat-tarag u ghamillu l-kisi mehtieg bil-gibs ghas-somma ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350). Il-konvenut eventwalment qabbad lil haddiehor u kull fejn ried jiksi bil-gibs irranga wkoll it-tikhil illi kien lahaq sar mill-attur.

Wara li nqalghet il-kwistjoni bejn il-partijiet u l-attur kien kostrett ma jkomplix bix-xoghol fuq ilmenti tal-konvenut dwar xoghol

iehor li kien baqa ma sarx u xoghol fejn il-finitura ma kienetx accettabbli, l-attur minn rajh ikkonceda t-tnaqqis ta' mitt lira (Lm100).

Fl-opinjoni tal-perit tekniku dan it-tnaqqis mhuwiex konsidrat sufficcjenti u kien ta' l-opinjoni li t-tnaqqis ta' mija u sittin lira (Lm160) hija cifra aktar adekwata u gusta. Il-Qorti taghmel referenza ghal konkluzzjonijiet tal-perit tekniku a fol 34 tar-relazzjoni tieghu fejn ikkonkluda li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' seba mija u tlieta u sebghin lira u hamsa u sebghin centezmi (Lm773.75c).

Kif tajjeb osserva l-gharef perit tekniku ghalkemm il-konvenut ammetta li ghandu jhallas bilanc lill-attur ghax-xoghol illi ghamillu, ma ddepositax il-flus il-Qorti biex almenu jkopri l-bilanc li ammetta huwa dovut. Dana ghandu jirrifletti fid-decizzjoni ta' din il-Qorti dwar il-kap ta' l-ispejjez. Il-Qorti wara li rat li din l-relazzjoni u x-xhieda migbura ma jidhirliex li ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u taqbel perfettament mal-argumenti minnu migbura. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba ta' l-attur bit-temperament li r-rakkomanda l-istess perit tekniku fir-relazzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu s-somma ta' seba mija u tlieta u sebghin lira u hamsa u sebghin centezmi (Lm773.75c) dovuti minnu

bhala bilanc ghal xoghol u spejjez li l-attur ghamel fil-proprjeta' tieghu fis-Siggiewi u fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez kif gia nghad, peress illi l-konvenut ma ddepositax l-ammont ta' flus illi jkopri l-bilanc li ammetta li hu dovut, il-Qorti jidhrilha li ma ghandhux ikun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez u ghalhekk fuq dan il-kap tiddeciedi illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ikunu ta' responsabbilta' tal-konvenut, bl-imghax pero' dekorribli mid-data ta' din is-sentenza.

Anthony Zammit

Dep Reg